REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 575/2009

tal-1 ta' Lulju 2009

li jistipula perċentwali ta' aċċettazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzji tal-esportazzjoni li jirrifjuta applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni u li jissospendi t-tressiq tal-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni għal zokkor 'il barra mill-kwota

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1],

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 li jistipula regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f'dak li għandu x'jaqsam mal-kummerċ ma' pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 7e 9(1)(b) flimkien mal-Artikolu 9(1) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 61, l-ewwel subparagrafu, il-punt (d), tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, iz-zokkor prodott matul is-sena tas-suq u li jaqbeż il-kwota msemmija fl-Artikolu 56 ta' dak ir-Regolament jista' jiġi esportat biss fil-limitu kwantitattiv stipulat mill-Kummisjoni.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 924/2008 tad-19 ta' Settembru 2008 li jistipula l-limitu kwantitattiv tal-esportazzjoni taz-zokkor u l-isoglukożju 'l barra mill-kwota sa tmiem is-sena tas-suq 2008/2009 [3] jistipula l-limiti msemmija hawn fuq.

(3) Il-kwantitajiet ta' zokkor koperti minn applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni jaqbżu l-limitu kwantitattiv iffissat bir-Regolament (KE) Nru 924/2008. Għaldaqstant għandu jiġi stabbilit perċentwal ta' aċċettazzjoni għall-kwantitajiet li għalihom tressqu applikazzjonijiet fi 22, 23, 24, 25 u 26.6.2009. Kull applikazzjoni għal liċenzja tal-esportazzjoni għaz-zokkor imressqa wara 29.6.2009 għaldaqstant ma għandhiex tintlaqa', u t-tressiq tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-esportazzjoni għandu jkun sospiż,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Liċenzji tal-esportazzjoni taz-zokkor 'il barra mill-kwota li l-applikazzjonijiet għalihom tressqu bejn it-22 ta' Ġunju 2009 u s-26 ta' Ġunju 2009, għandhom jinħarġu għall-kwantitajiet mitluba, multiplikati b'perċentwali ta' aċċettazzjoni ta' 76,30317 %.

2. L-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni taz-zokkor 'il barra mill-kwota li tressqu fid-29 ta' Ġunju, fit-30 ta' Ġunju, fl-1 ta' Lulju, fit-2 ta' Lulju u fit-3 ta' Lulju 2009 huma b'dan irrifjutati.

3. It-tressiq ta' applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni taz-zokkor 'il barra mill-kwota għandu jiġi sospiż għall-perjodu bejn is-6 ta' Lulju 2009 u it-30 ta' Settembru 2009.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Lulju 2009.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

---

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24. Edizzjoni Spċejali bil-Malti ĠU L 312M, 22.11.2008, p. 86.
[3] ĠU L 252, 20.9.2008, p. 7.